**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**5 ta' Marzu, 2023**

# TALBA TA' TFAJLA LHUDIJA



Etty Hillesum inqatlet fil-kamp tal-konċentrament ta' Auschwitz f'Novembru 1943. Kellha 28 sena. Fl-1988 ippubblikaw id-djarju li hija kitbet fl-aħħar sentejn ta' ħajjitha. Fost l-oħrajn tirrakkonta kif darba minnhom, kellmet lil Alla waqt dawra bir-rota bil-kesħa, billejl. Xħin waslet id-dar kitbet hekk:

*"Jiena u għaddejja fuq il-bicycle bdejt ngħid talba waħdi... Kienet xi ħaġa hekk: O Alla ħudni f'idejk; se nimxi warajk u m'iniex se nirreżisti ħafna. M'iniex se naħrab mit-tempesti li l-ħajja ħejjiet għalija. Naffaċċja kif nista' kulma jiġi għal wiċċi.*
*Imma Mulej, kultant ħallini nieħu ftit tan-nifs taf!*
*M'iniex għal mument se naħseb li teżisti paċi dejjiema.*
*Naċċetta t-taħwid u l-inkwiet li ma nistax nevitah.*
*Jiena nħobb is-sħana u s-sigurità imma m'iniex se nirribella kontra l-ksieħ.*
*Mulej nimxi warajk u nipprova ma nintrebaħx mill-biża'.*
*Se nipprova* nxerred l-imħabba li għandi għall-oħrajn, kull fejn immur".

Din it-tfajla turina kif it-talb isir kullimkien, u l-isbaħ talba hi li lill-Mulej ngħidulu li lesti naċċettaw ir-rieda tiegħu għalina.

***L-Arċipriet***

**PERSUNAĠĠI GĦALL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

Dawk il-persunaġġi kollha li s-soltu jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll oħrajn ġodda li jixtiequ jieħdu sehem, huma mitluba sabiex ikellmu lil Mark Azzopardi fuq in-numru 99866777 **sal-Ħadd 19 ta' Marzu.**

**SULDATI FIL-PUĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

Dawk kollha li ta' kull sena jieħdu sehem fil-purċissjoni bħala suldati u oħrajn ġodda li jixtiequ jilbsu ta' suldati, għandhom jikkuntattjaw u jinkitbu ma' Mark Azzopardi fuq in-numru 99866777 **sal-Ħadd 19 ta' Marzu.**

## L-AVVIŻI:

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW TAL-BNIET:** javżaw li mis-6 sal-10 ta' Marzu, il-bniet mhux ser ikollhom duttrina għaliex il-membri għandhom l-eżerċizzi tar-Randan.

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** se jiltaqa' nhar it-Tnejn 6 ta' Marzu għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, in-Nadur. Fl-4:30pm jibda r-rużarju quddiem Ġesù Espost u wara jkun hemm il-Quddiesa. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd hu mistieden.

**EŻERĊIZZI GĦAL ŻGĦAŻAGĦ 18+ F'MALTA:** minn Fr Brendan Gatt fil-kappella taċ-Chaplaincy tal-Università. Se jkunu mifruxa fuq tlett ijiem: It-Tlieta 7, 14 u 21 ta' Marzu, fit-8:00pm.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 9 ta' Marzu se ssir żjara fil-kappella ta' San Dimitri l-Għarb. Tluq fid-9:30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Inċemplu lil Tonina fuq 21563041 jew 79923153.

**SAN MATTEW BL-INGLIŻ:** filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha li bi mpenn qassmu l-Vanġelu ta' San Mattew bil-Malti, navżawhom biex jekk iridu jqassmu xi kopji tal-Vanġelu bl-Ingliż lill-persuni li talbuhomlhom fiż-żjajjar li għamlu, jistgħu jiġu għal xi kopji mill-Uffiċċju Parrokkjali. In-numru ta' kopji bl-Ingliż huwa limitat. Jekk għad hemm min irid kopja tal-istess Vanġelu bil-Malti, għad baqgħalna xi kopji fl-Uffiċċju Parrokkjali wkoll.

**L-GĦAQDA TAN-NAR 29 TA' ĠUNJU:** tixtieq tirringrazzja lill-poplu Naduri kollu hekk kif mill-ewwel ġabra li saret bieb bieb, inġabret is-somma sabiħa ta' €4,500. Apparti hekk, mill-ewwel ikla li saret għal din is-sena baqa' €500. Jekk hemm xi persuni li għal xi raġuni ma sibnihomx id-dar u jixtiequ jgħaddu xi donazzjoni, jgħadduha lil Raymond Vella. Grazzi mill-qalb.

**ĠABRA GĦALL-PEDESTALL:** Nirringrazzjaw lil dawk kollha li bagħtu l-offerta tagħhom għar-restawr tal-pedestall ta' San Pietru u San Pawl. S'issa b'kollox inġabru €18,200 li minnhom qed jitħallsu €15,000 minn persuna waħda, benefattriċi li tixtieq tibqa' anonima. Nirringrazzjaw lil kull min ta sehmu. Min għadu ma tefax l-offerta tiegħu u jixtieq jgħin, jista' jġib l-offerta fl-Uffiċċju Parrokkjali jew jagħtiha lil xi saċerdot. Kif għidnielkom, l-ispiża totali se tkun ta' ftit aktar minn €30,000.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am